MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2259/1996/1

**Moira Cassar mart Rodwan Hijazi**

**vs**

**L-Avukat Nives Grixti u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-3 ta' Settembru 1998 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Rodwan Hijazi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu kkontrattaw zwieg civili nhar l-24 t'April 1991 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg immarkat Dok "A" fl-inkartament hawn anness.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi wkoll illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba illi huwa rabat l-istess kunsens ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi ghalhekk li ghar-ragunijiet premessi l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett skond **artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fl-24 t'Awissu *(corregge: April)* 1991, huwa null u bla effett skond it-termini kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez tal-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process, fosthom id-digriet tad-29 ta' Frar 1996 fejn l-attrici giet assenjata b'Dr. Anthony Cutajar bhala Avukat ghall-Ghajnuna Legali u Hilda Ellul Mercer bhala Prokuratur Legali li lilhom imiss it-turn.

Rat ir-rikors tal-attrici Moira Cassar datat 28 ta' Gunju 1996 fejn talbet in-nomina ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Rodwan Hijazi.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-3 ta' Settembru 1998 fejn laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Nives Grixti u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Marzu 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tas-7 ta’ Mejju 1999 a fol. 36 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Mejju 1999; tad-29 t’Ottubru 1999 fejn l-attrici filwaqt li tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens li isimha jaqra “Moira” u mhux “Maria”. Il-Qorti laqghat it-talba, u nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi fil-kawza u tirrelata; tal-5 t’April 2000; u tat-23 ta’ Mejju 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 30 t’Awissu 2000 u digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Novembru 2000 fejn laqghat it-talba biex jigi mharrek bhala xhud id-Direttur tas-C*itizenship & Expatriates Section fl-Ufficcju tal-Prim Ministru*.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Novembru 2000; tal-21 ta’ Frar 2001; tal-15 ta’ Gunju 2001; tas-27 ta’ Settembru 2001; tat-30 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-26 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi gew maghluqa; tat-23 ta’ Mejju 2002; tas-17 t’Ottubru 2002; tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn il-Perit Legali kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament; u tal-25 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Anthony Cutajar ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-Kuraturi Deputati msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum l-1 t’Ottubru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** xehdet permezz tas-segwenti: (i) tad-dikjarazzjoni taghha guramentat fit-28 ta’ Gunju 1996 (ii) fis-seduta mizmuma fid-9 ta’ Dicembru 1999 li fiha xehdet l-attrici; (iii) fis-seduta mizmuma fl-1 ta’ Frar 2000 li fiha xehdet **Maria Koubaa**; (iv) fis-seduta mizmuma fis-16 ta’ Mejju 2000 li fiha xehed **PS 1375 Anthony Camilleri**; (v) fis-seduta mizmuma fis-17 ta’ Ottubru 2000 li fiha xehed **Eugenio Galea**; (vi) fis-seduta mizmuma fis-16 ta’ Jannar 2001 li fiha xehed **Stephen Falzon**.

Illi l-konvenut ma ressaqx provi.

### (ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attrici ppremettiet illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attrici ppremettiet illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-raba’ premess tac-citazzjoni l-attrici ppremettiet illi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma’ kundizzjoni li tirreferi

ghall-futur, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tliet artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward **l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (Prim' Awla 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Il-perit legali, fir-rapport taghha sostniet li:-

*"Zwigijiet bhal dawn jistghu jigu dikjarati nulli meta jigi ppruvat li l-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament frustrat, effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg".*

Illi simulazzjoni tirrekjedi l-prova tal-mottiv i.e. tal-*finis operis*, liema prova tista' tasal ghaliha bid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet infushom (jekk huma kredibbli), ta' familjari jew ta' hbieb, apparti l-*circumstantial evidence*.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988), l-attrici zzewget sabiex tottjeni c-cittadinanza u ghalhekk kien zwieg ta' konvenjenza. Il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (Prim' Awla 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi fl-istess sentenza nghad li *"l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' volonta' jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' pozittiva li teskludi tali elementi essenzjali".*

Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 t'Awissu 1995) gie spjegat li s-simulazzjoni tikkonsisti u tista' tingharaf bis-segwenti:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi b'referenza ghall-awtur ***Castano***, il-Qorti kompliet tikkjarifika illi *"fi kliem iehor, irid ikun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu".*

Illi fil-kaz **"Zinn vs Dr. Tonio Mallia et noe"**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awissu 1995, il-Qorti rriteniet illi *"positive act of the will"* tista' anke tkun ukoll implicita' tant li nghad li:-

*"Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, il-hsieb maghmul, il-volonta' pozittiva (fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens) li wiehed irid jeskludi z-zwieg innifsu jew xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, tista' tigi manifestata anke mplicitament permezz tal-mod ta' kif wiehed igib ruhu u tac-cirkostanzi tal-hajja tieghu".*

Illi fil-kaz **"McKenzie *sive* McKenzie Macpherson *sive* Macpherson vs Dr. Anthony Cremona Barbaro et noe"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1983, il-Qorti, kif preseduta mill-kompjant l-Onor. Imhallef Prof. Wallace Gulia, emfasizzat li z-zwieg kien issimulat peress illi l-unika skop taz-zwieg kien sabiex parti minnhom tottjeni residenza f'Ingilterra.

Illi l-istess kien il-kaz **"Gatt vs Gatt"** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1994, fejn il-Qorti rriteniet illi iz-zwieg kien issimulat peress illi l-attrici riedet tizzewweg lill-konvenut, li kien Malti, sabiex tottjeni c-cittadinanza Maltija.

Illi fil-kaz **"Conte vs Conte"** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1994, il-partijiet izzewgu sabiex il-konvenut, li kien ta' nazzjonalita' Taljana, seta jottjeni *work permit* hawn Malta.  Il-Qorti osservat illi:-

*"Huma kienu jafu b'dak kollu li kienu dehlin ghalih, pero' ma setghux jaghmlu haga ohra hlief illi jizzewgu ghalkemm ma kienux iridu jghamlu dan il-pass. Dan ifisser illi z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null mhux minhabba xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew minhabba anomalija psikologika, imma peress li l-*

*kontendenti meta marru ghaz-zwieg, eskludew bl-izjed mod car u pozittiv, haga li fil-fatt esegwew anke bil-hajja taghhom li segwiet, l-elementi kollha li fuqhom huwa mibni z-zwieg".*

Illi kif gie spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et"**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912:-

*"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li principarjament jikkonistu fil-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-

prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **“Aquilina vs Aquilina”** (Prim' Awla 30 ta’ Jannar 1991) u f' **“Grech vs Grech”** (Prim' Awla 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994):-

*“Jekk din il-‘Consortium Vitae’ hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-‘Consortium Vitae’ tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja”.*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, il-Qorti tirrileva s-segwenti:-

Illi c-cirkostanzi kollha taz-zwieg juru bic-car illi l-konvenut ried zwieg ta’ konvenjenza, sabiex ikun jista’ jghix u jahdem Malta. Ghalkemm dan ma giex ammess mill-konvenut *stante* illi dan ma ressaqx provi, l-evidenza tal-attrici, li hija kredibbli, ta’ xhieda ohra u c-cirkostanzi taz-zwieg, kollha juru f’din id-direzzjoni, u cjoe’ li kien zwieg ta’ konvenjenza.

Illi l-attrici, li hija xhud kredibbli, xehdet illi mhux l-ewwel darba illi zewgha l-konvenut qalilha car u tond illi

zzewwigha sabiex jikseb cittadinanza. Omm l-attrici ukoll xehdet illi kemm-il darba l-konvenut qal dan il-kliem lit-tifla taghha quddiemha stess. Oht l-attrici ukoll xehdet illi waqt iz-zwieg l-attrici kienet tghidilha li zewgha kemm-il darba qalila li zzewwigha ghac-cittadinanza. Minbarra din ix-xhieda, ic-cirkostanzi ukoll juru illi dan kien zwieg ta' konvenjenza da parti tal-konvenut. Stephen Falzon, *principal* fid-Dipartiment tac-cittadinanza u *expatriates*, xehed illi dak iz-zmien l-unika mod kif wiehed seta' jgib ic-cittadinanza kien billi jizzewweg Maltija.

Illi mix-xhieda mressqa jidher car illi l-konvenut qatt ma ried jidhol ghaz-zwieg ghajr sabiex jinqeda u jgib ic-cittadinanza. Qabel ma ltaqa' mall-attrici, il-konvenut kien jahdem Malta llegalment bhala kok u bajjad. Tul l-gherusija ma tantx kienu jikkomunikaw peress illi l-attrici ma tifhimx bil-lingwa Sirjana. Qabel izzewgu kienu ilhom jafu lil xulxin tmien xhur biss. Omm l-attrici ma kenitx tafu lill-konvenut u saret tafu jumejn wara li zzewgu. Oht l-attrici, Sharon Ferriggi lanqas biss kienet taf li ohtha zzewget u saret taf lill-konvenut xi hames xhur wara li zzewgu. Fiz-zmien tal-gherusija u meta zzewgu l-attrici ma kenitx toqghod id-dar tal-genituri taghha.

Illi ghalkemm izzewweg, il-konvenut baqa' jghix hajja ta' guvni. Ezatt kif izzewgu beda johrog Paceville ta' kuljum u jdum sas-sieghat bikrin ta' fil-ghodu. Kien jirritorna d-dar xurban u jekk l-attrici kienet issaqsih fejn mar kien jinfexx isawwatha.

Illi meta l-attrici nqabdet tqila kien isawwatha bil-ghan li tkorri ghax ma riedx tfal minghandha. Il-konvenut kien ighidilha esplicitament li ma jridx tfal minghandha. L-istess kien jaghmel waqt it-tieni tqala. Omm l-attrici xehdet illi meta l-attrici kienet tqila bl-ewwel tarbija gieli semeghtu jghid lill-attrici biex tabbortih. Ohtha xehdet illi l-attrici gieli qaltilha illi l-konvenut riedha tabborti t-tarbija. Ta' min ighid illi oht l-attrici kienet tqatta' certu hin ghand l-attrici u din kienet tiftah qalbha maghha apparti dak li kienet tara b'ghajnejha stess.

Illi l-konvenut tant kien vjolenti mal-attrici illi waqt it-tieni tqala kienet diehla u hierga d-dar 'Merhba Bik' u fil-fatt lit-tieni tifel wellditu hemmhekk. L-attrici ghamlet xi zmien ukoll ic-'Cini Institue". Il-vjolenza fizika fuq l-attrici giet ikkonfermata anke minn ommha li xehdet illi gieli sawwat lil bintha quddiemha stess. Oht l-attrici xehdet ukoll illi kienet tara lil ohtha bit-tbengil.

Illi l-konvenut kien jiehu hafna hbieb irgiel Gharab id-dar u l-attrici xehdet illi kienet tissemaghlhom. Id-diskors dejjem kien ikun fuq fejn kienu ser imorru fil-ghaxija u t-tfajlet li kienu ser jiltaqghu maghom. Dan tikkonfermah ukoll anke oht l-attrici ghax gieli kienet tkun hemm meta kien isir dan id-diskors. L-attrici xehdet illi gieli semghet lill-konvenut ighid lil shabu illi zzewweg sabiex igib ic-cittadinanza.

Illi jidher illi l-konvenut kellu diversi relazzjonijiet extra-maritali. Kienet issuspettat f'certu wahda Charmaine u meta kkonfrontat lill-konvenut kien ammetta. Jidher li kien hemm ukoll relazzjoni ma' certu Carol. Oht l-attrici kienet ghamlet l-ghassa lill-konvenut f'Paceville u fil-fatt kienet rat lill-konvenut gewwa 'Footlose' ma' din Carol. L-attrici kienet sabet ittra erotika mibghuta minn din Carol liema ittra anke ratha oht l-attrici. Din ma gietx esebita fil-process odjern *stante* illi l-esponenti giet informata illi kienet giet esebita fil-kawza ta' separazzjoni. Meta l-attrici kienet 'Merhba Bik', ohtha xorta baqghet taghmillu l-ghassa lill-konvenut u kemm-il darba rat lil din Carol diehla d-dar.

Illi wara l-1995, il-konvenut kien telaq minn Malta minghajr kliem u sliem u hadd qatt ma rega rah. L-attrici xehdet illi qatt ma kkomunika maghha. Lit-tfal il-konvenut qatt ma ta kazhom.

Illi x-xhieda migjuba quddiem il-Perit Legali u mic-cirkostanzi kollha kif spjegati fix-xhieda, jidher car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti kien zwieg ta' konvenjenza, intiz sabiex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta, jahdem bla problemi u jikseb ic-cittadinanza Maltija. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u hija moralment konvinta illi dawn huma l-unici ragunijiet ghala l-konvenut izzewweg

lill-attrici. Hawn qeghdin fil-kamp ta' simulazzjoni u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata.

Illi l-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi r-rekwiziti legali kif fuq spjegati gew sodisfatti sabiex tintlaqa' t-talba attrici u ghalhekk hemm ragunjiet bizzejjed sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi annullat *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u in vista ta' dan ma hemmx bzonn li jigu ezaminati r-rekwiziti taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 19 (d) u 19 (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk skond il-provi migbura abbazi tal-konsiderazzjonijiet premessi jirrizulta illi:-

a) iz-zwieg huwa null *stante* illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghandha tigi milqugha fis-sens illi l-konvenut issimula totalment il-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fl-24 t'April 1991, huwa null u bla effett skond it-termini kollha tal-ligi u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbi lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------